MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 8

18 ta' Diċembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier
Nicole Portelli - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.36pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur Remigio Bartolo u s-Sinjorina Nicole Portelli. Is-Sindku beda billi ta l-kondoljanzi lis-Segretarju Eżekuttiv wara t-telfa tal-għażiż missierha.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha e-mail b'apoloġija tas-Sur Remigio Bartolo u s-Sinjorina Nicole Portelli.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 7 ġew approvati.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 *Attivitajiet*

Is-Sur Cordina irringrazzja lil kull min kien involut u lill-istaff tas-sehem tagħhom fl-aħħar attivitajiet li saru u j'Alla jibqgħu isiru iktar attivitajiet edukattivi fost l-oħrajn. Is-Sur Cordina reġa' rringrazzja lil kulħadd.

8.3.2 *Uffiċċini Ġodda*

Is-Sur Cordina ta rendikont fuq l-Uffiċċini fejn qal li l-ġimgħa d-dieħla se jibda x-xogħol tat-taraġ u jiġi nstallat it-travertin filwaqt li jitkompla x-xogħol fuq il-kontrabejt. Is-Sur Cordina kompla jgħid li kellhom diffikultajiet b'kuntratturi oħrajn li qalu li ġejjin ikomplu xi xogħol, wara xi tliet ġimgħat xorta ma ġewx u kellu jinstab xi ħaddieħor. Dan kollu rriżulta f'telf ta' ħin u għaldaqstant qed jispera li sal-aħħar ta' Jannar ikunu lesti minn kollox.

Semma wkoll li l-wajer tad-dawl diġa mgħoddi u għaldaqstant meta jiġi biex jiġi installat il-meter tad-dawl dan ikun diġà fil-post.

*Convenience Shop fi Triq il-Mosta*

Is-Sur Cordina qal li fl-aħħar laqgħa semma il-problema li hemm b'dan il-ħanut speċjalment bl-*un/loading bay,* kompla jgħid li ġie mitlub li ssir CCTV għall-monitoragg tal-ipparkjar u talab li l-kulħadd li jżommu ma' dak li kienu ddiskutew qabel u cioe' li jaraw x'jgħidu l-awtoritajiet u l-CCTV teħel bħalha l-aħħar optzjoni jekk ma jkunx hemm iktar x'tagħmel. Diġà kellhom simili ħdejn l-iskola. Qal ukoll li talab appuntament mal-Perit Antoinette Conti biex forsi jiġu approvati l-installazzjoni ta' bollards.

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.4.1 Dr. Martin Musumeci

- Propona li fi Ġnien l-Istazzjon isiru żewġ kontenituri għas-separazzjoni tal-iskart

Din il-proposta wara diskussjoni ġiet milqugħa.

8.4.2 Dr. Ralph Cassar

- Tkellem fuq il-konok ta' Victor Vassallo liema xogħol għadu pendenti u talab li jitlestew kemm jista' jkun malajr. Is-Sur Cordina qal li talab laqgħa oħra mas-CEO ta' Infrastruttura Malta.
- Talab rendikont tal-Bazaar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Dr. Musumeci ġab is-somma tonda għall-€1800 u hi biegħet xi kotba u b'kollox ġew €1820.

8.4.3 Sur John Bonnici

- Talab li għal Bazaar li jmiss ikun iktar mwejjed Ġnien l-Istazzjon minħabba li kien hemm ħafna affarijiet tajbin u ħwejjeġ mixħutin mal-art u m'hemmx saqaf.

8.4.4 Dr. Helen Caruana

- Saqsiet ħabba x-xogħolijiet ta' Ġnien il-Palma minħabba li l-aċċess għall-latrini hu magħluq. Is-Sur Cordina qal li minħabba *Health and Safety* ma kienx hemm għażla oħra u li *mobile toilets* għad-domanda tagħha jistgħu joqgħodu jsiru kullimkien u jinħoloq preċedent.

## 8.5 Rapporti

8.5.1 Approvazzjoni ta' *Draft* Baġit

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għamlet flok preparat il-baġit biex terġa' toqgħod temenda u ddaħħal il-figuri attwali tas-sena 2024 emendat il-figuri tat-2025 fil-*Business Plan* biex jirriflettu l-allokazzjoni għas-sena 2025. Id-differenza fl-allokazzjoni kienet dik ta' tnaqqis fl-ammont dovut għall-ġbir ta' skart, li kien qed isir mir-Reġjun imma jitħallas mill-Kunsill u t-*tipping fees.* Din id-differenza tammonta għall-€130,436.96. Is-Sur Cordina qal li hu kontra dan it-tnaqqas għax kull ma jmur qed jitnaqqsu l-poteri tal-Kunsilli Lokali imma l-problemi baqgħu l-istess anzi għall-kuntrarju issa żdiedu għax bla kontroll ta' xejn. Qal li hemm inqas veru il-*hassle* tal-pagementi imma l-ilmenti se jibqgħu jirċevuhom huma l-istess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-verità dak li xtaqet tgħid hu li se titnaqqas l-ispiża tal-ġbir ta' skart u *tipping fees* imma l-

Kunsill fis-sena se jibqalu mal-€81,000 u jaf iktar ukoll għax x'ħin ikunu għalqu s-sena ikunu jafu bl-eżatt u li hi primarjament dak jinteressaha il-lat finanzjarju. Is-Sur Cordina saqsa jekk ġewx notifikati b'din id-deċizjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienux. Dr. Musumeci qal li s-Sindku għandu raġun għax għalkemm din mhix politika l-ewwel laqgħa li attenda tar-Reġjun, waqt diskussjoni appuntu fuq l-iskart, kienet ċara li l-affrijiet huma kif inhuma u li ma seta' jinbidel xejn.

Is-Segretarju kompliet tgħid li l-allokazzjoni ta' din is-sena kienet ta' €784,096 u peress li issa mhux sa jkun hemm iktar ġbir ta' skart mill-Kunsill l-ispiża li kien qed ikollu l-Kunsill biex jiġbor il-kartun, wara li jinġabar il-ħġieġ ma hemmx iktar bżonnha u allura se jiġu frankati €24,000. Dan barra kompliet tgħid li nnutat ukoll u ġibdet video, li l-ġbir tal-kartun kien qed isir minn Galea Cleaning Solutions stess.

Ikkonkludiet billi qalet li hekk kif ikunu lest l-accounts 2024 issir laqgħa pubblika għal min jogħġbu jattendi.

Dan ir-rapport ġie approvat.

## 8.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 8.6.1 *Collaboration Agreement Greenpak*

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għad-diskussjoni il-*Collaboration Agreement mal-Greenpak* li r-Reġjun ifformula flimkien ma' Greenpak. Sur Cordina reġa' wera d-diżapprovazzjoni tiegħu għal dan ukoll minħabba li lanqas fuq dan il-Kunsill ma ġie kkonsultat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalhekk iridu jduruh flimkien għax jista' jkun hemm jew iktar jew inqas li jixtiequ bħalha Kunsill iżidu. Bħalha eżempju semmiet l-*ibins* li huma bħalha Kunsill ma kellhomx post identitifikat. Is-Sur Cordina qal li l-issues fuq l-*ibins hu* t-tindif biswiethom għax ma jsirx kuljum, qiegħed mal-Kunsilli kollha u l-ammonti ta' settijiet madwar il-lokalità. Fil-fatt Dr. Caruana qalet li dan kollu sar *fait accompli* u skont l-ERA, kompla is-Sur Cordina, ma jridu jċedu xejn. Meta ssuġġerew li jitpoġġew il-ħames jew sitt settijiet f'Ta' Qali m'aċċettawx.

Dr. Cassar iċċara li l-Kunsill mhux kontra li jkollu l-*ibins* imma hu kontra li jrid inaddaf madwar il-*bins* u m'għandux riżorsi.

Il-Kunsill ma qabilx fuq l-*agreement* kif formulat u għandu jiġi diskuss mar-Reġjun.

### 8.6.2 *Riżoluzzjoni Attivitajiet tal-Karnival*

## RIŻOLUZZJONI 3

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi sabiex tiġi organizzata attivita' tal-Karnival permezz tal-iskema SPI/SCI/8/2024 Finanzjament Karnival 2025.

Din l-iskema ser tkopri sa massimu ta' €5000. Il-Kunsill Lokali ser ikun qed iħallas id-differenza tal-ispiża. Total ta' fondi li ser jintefqu ser ikunu ta' madwar €5500.

Is-Sur Cordina qal li għal darb'oħra ħa juri ddiżapprovazzjoni li l-Kunsill jingħata l-loqom. Dr. Musumeċi qal li l-fondi huma dejjem limitati u apparti li ma jarax sens fil-Karnival, li jixtieq hu li jiddiskuti hux *val la pena* ninfqu l-flus fuq xi ħaġa hekk. Is-Sur Cordina qal li l-unika argument hu li m'hemmx garanzija kemm ħa jtuk u ġieli jtuk ferm inqas minn dak mistenni. Imma dejjem għaqli titfa' applikazzjoni.

Proponent Stefan Cordina  Sekondant Paul Ciantar

8.6.3 *Approvazzjoni ta' Performance Bonus*

Is-Sur Cordina saqsa s-Segretarju Eżekuttiv hi x'qed tipproponi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li madwar il-mejda hemm membri ġodda u li f'dan il-ftit żmien li ilhom fil-Kunsill indunaw kemm l-istaff jaħdem u kemm kollha kemm huma għandhom interess fil-lokalità. Hi tara wkoll li mill-ftit li jitkellmu dwar l-istaff anke f'laqgħat preċedenti l-opinjoni in ġenerali hi waħda pożittiva. Is-Sur Cordina qal li hi li tħabbat wiċċha kuljum abbażi ta' dak li tara u l-*performance* tagħhom kemm jistħoqqilhom? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għax-xogħol li jagħmlu jistħoqqilhom il-*full* għax għalkemm kulħadd f'qasam differenti kulħadd jeċċella fix-xogħol tiegħu.

Hi rrakomandat li jingħataw 6% jew il-full skont il-ftehim kollettiv li se jiġi ffirmat.

Kulħadd qabel.

Is-Segretrju Eżekuttiv qalet li ma tistax titkellem fuqha innifisha imma se tħalli f'idejn is-Sindku.

Is-Sur Cordina qal li s-Segretarju Eżekuttiv hi ass għall-Kunsill, li bit-tajjeb u l-ħażin tagħha kieku m'hemmx hi fil-Kunsill li tagħti direzzjoni kieku l-Kunsill ibati. Kompla jgħid li hemm Segretarji Eżekuttivi li jgħaddu Sindki bħalu minn martirju biss għall-grazzja t'Alla, kompla jgħid is-Segretarju Eżekuttiv tagħhom jikkollabora anka fid-diffikutajiet speċajment meta jkun hemm id-diffikultajiet personali. Tul dawn l-aħħar xahrejn ra li għalkemm kienet imsallba jekk kien hemm materja li riedet issir rat li jekk ma saritx filgħodu saret filgħaxija. Is-Sur Cordina propona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-full tal-Perf. Bonus cioe' 10% tas-Salarju, il-kumplament jingħata mid-Dipartment għall-Gvern Lokali.

Kulħadd qabel.

## 8.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

8.7.1 Proponent: Dr. Helen Caruana Sekondant: Dr. Martin Musumeci

L-iskeda ġiet approvata.

## 8.8 Mozzjonijiet; u

8.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 8.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

8.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.39pm u ġiet aġġornata għal-15 ta' Jannar 2024 fis-7.00pm

Konfermati illum, 15 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |